SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

26 ta' Jannar 2017 *

"Appell — Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Belġjan, Ġermaniż, Franċiż, Taljan, Olandiż u Awstrijak tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju — Koordinazzjoni tal-prezzijiet u skambju ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva — Ksur uniku u kontinwu — Obbligu ta' motivazzjoni"

Fil-Kawża C-614/13 P

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2013,

Masco Corp., stabbilita f'Taylor, Michigan (l-Istati Uniti),

Hansgrohe AG, stabbilita f'Schiltach (il-Ġermanja),

Hansgrohe Deutschland Vertriebs GmbH, stabbilita f'Schiltach,

Hansgrohe Handelsgesellschaft mbH, stabbilita fi Wiener Neudorf (l-Awstrija),

Hansgrohe SA/NV, stabbilita fi Brussell (il-Belġju),

Hansgrohe BV, stabbilita f'Westknollendam (il-Pajjiżi l-Baxxi),

Hansgrohe SARL, stabbilita f'Antony (Franza),

Hansgrohe Srl, stabbilita f'Villanova d'Asti (l-Italja),

Hüppe GmbH, stabbilita f'Bad Zwischenahn (il-Ġermanja),

Hüppe GesmbH, stabbilita f'Laxenburg (l-Awstrija),

Hüppe Belgium SA/NV, stabbilita f'Woluwé Saint-Étienne (il-Belġju),

Hüppe BV, stabbilita f'Alblasserdam (il-Pajjiżi l-Baxxi),

irrappreżentati minn D. Schroeder u S. Heinz, avukati, kif ukoll minn B. Fischer, avukat, b'mandat minn J. Temple Lang, solicitor,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn L. Malferrari u F. Ronkes Agerbeek, bħala aġenti, assistiti minn B. Kennelly, barrister,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qed jaġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, M. Berger, E. Levits, S. Rodin (Relatur) u F. Biltgen, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: K. Malacek, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-10 ta' Settembru 2015,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħhom, Masco Corp., Hansgrohe AG, Hansgrohe Deutschland Vertriebs GmbH, Hansgrohe Handelsgesellschaft mbH, Hansgrohe SA/NV, Hansgrohe BV, Hansgrohe SARL, Hansgrohe Srl, Hüppe GmbH, Hüppe GesmbH, Hüppe Belgium SA/NV u Hüppe BV jitolbu l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tas-16 ta' Settembru 2013, Masco *et* vs Il-Kummissjoni (T-378/10, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2013:469), li biha din ċaħdet ir-rikors tagħhom intiż għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 4185 finali, tat-23 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/39092 – Installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kontenzjuża

2 Il-fatti li wasslu għall-kawża ġew imsemmija mill-Qorti Ġenerali fil-punti 1 sa 9 tas-sentenza appellata u jistgħu jiġu sunti hekk kif ġej.

3 Ir-rikorrenti, jiġifieri Masco Corp., impriża Amerikana, u uħud mis-sussidjarji Ewropej tagħha, fosthom Hansgrohe AG u Hüppe GmbH, jimmanifatturaw viti u fittings flimkien ma' diviżorji tad-doċċa, u l-aċċessorji tagħhom.

4 Fil-15 ta' Lulju 2004, ir-rikorrenti informaw lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-eżistenza ta' akkordju fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju u talbu sabiex jibbenefikaw mill-immunità minn multi skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis f'multi f'każijiet ta' kartell (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 155) jew, fin-nuqqas ta' dan, minn tnaqqis tal-ammont tal-multi li setgħu jiġu imposti fuqhom. Fit-2 ta' Marzu 2005, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tagħti immunità kundizzjonali mill-multi favur ir-rikorrenti, konformement mal-punt 8(a) u mal-punt 15 ta' dan l-avviż.

5 Fit-23 ta' Ġunju 2010, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata li biha hija kkonstatat l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 19, p. 146), fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju. Dan il-ksur, li pparteċipaw fih 17-il kumpannija, fosthom ir-rikorrenti, seħħ matul perijodi differenti bejn is-16 ta' Ottubru 1992 u d-9 ta' Novembru 2004 u ħa l-forma ta' sett ta' ftehimiet antikompetittivi jew prattiki miftiehma fit-territorju Belġjan, Ġermaniż, Franċiż, Taljan, Olandiż u Awstrijak.

6 Il-Kummissjoni kkunsidrat li l-prattiki antikompetittivi inkwistjoni kienu jagħmlu parti minn pjan globali intiż li jrażżan il-kompetizzjoni bejn l-impriżi kkonċernati u kienu jirrappreżentaw l-karatteristiċi ta' ksur uniku u kontinwu, li l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom kien ikopri installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju li jappartjenu għal wieħed mit-tliet sotto-gruppi ta' prodotti li ġejjin: viti u fittings, id-diviżorji tad-doċċa, u l-aċċessorji tagħhom kif ukoll oġġetti taċ-ċeramika (iktar 'il quddiem, it-"tliet sotto-gruppi ta' prodotti").

7 Għal dawn il-motivi, il-Kummissjoni, fl-Artikolu 2 tad-deċiżjoni kkontestata, ikkunsidrat li dawn is-17-il impriża pparteċipaw fi ksur uniku u, għaldaqstant, kisru l-Artikolu 101(1) TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim fuq iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992.

8 Madankollu, fir-rigward tar-rikorrenti, il-Kummissjoni indikat, fil-punt 1 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni, li hija ma kinitx qed timponi fuqhom ebda multa.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

9 Permezz ta' att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-7 ta' Settembru 2010, ir-rikorrenti ippreżentaw rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali billi invokaw motiv uniku, ibbażat fuq il-fatt li l-Kummissjoni kkonkludiet bi żball li huma pparteċipaw fi ksur uniku fis-settur tal-installazzjonijiet sanitarji għall-kmamar tal-banju.

10 Permezz ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti kienu lmentaw lill-Kummissjoni li wettqet żbalji, minn naħa, fid-determinazzjoni tal-elementi li jikkostitwixxu ksur uniku u tal-parteċipazzjoni ta' impriżi f'tali ksur u, min-naħa l-oħra, fl-evalwazzjoni tal-elementi fattwali miżmuma għall-konstatazzjoni ta' ksur uniku u tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti f'dan il-ksur.

11 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu.

It-talbiet tal-partijiet

12 L-appellanti jitolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn din tikkonċerna lill-appellanti;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż;

— tieħu kull miżura oħra li l-Qorti tal-Ġustizzja jidhrilha xierqa.

13 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad l-appell, u

— tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż.

Fuq l-appell

14 Insostenn tal-appell tagħhom, l-appellanti jqajmu żewġ aggravji. L-ewwel aggravju huwa bbażat fuq il-konstatazzjoni żbaljata tal-parteċipazzjoni tal-appellanti fi ksur uniku. It-tieni aggravju huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq il-konstatazzjoni żbaljata tal-parteċipazzjoni tal-appellanti għal ksur uniku

L-argumenti tal-partijiet

15 Permezz tal-ewwel aggravju tagħhom, l-appellanti jargumentaw li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji tad-dritt billi kkunsidrat, l-ewwel nett, li huma kellhom l-intenzjoni li jikkontribwixxu, permezz tal-aġir speċifiku tagħhom, għall-għanijiet komuni segwiti mill-parteċipanti kollha għall-akkordju, it-tieni nett, li huma kellhom konjizzjoni tal-aġir illeċitu previst jew implementat mill-impriżi l-oħrajn fit-tfittxija ta' dawn l-għanijiet u, it-tielet nett, li huma kienu lesti li jaċċettaw ir-riskju. Dan l-aggravju jinqasam f'ħames partijiet.

16 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, ir-rikorrenti jilmentaw lill-Qorti Ġenerali li, fil-punt 59 tas-sentenza appellata, billi kkonstatat li l-prattiki illeċiti inkwistjoni kienu intiżi li jippermettu lill-appellanti li jippreżentaw front komuni lill-grossisti għat-tliet sotto-gruppi ta' prodotti li fosthom l-oġġetti taċ-ċeramika, manifestament żnaturati mill-provi dwar l-intenzjoni tagħhom li jikkontribwixxu, permezz tal-aġir speċifiku tagħhom, għall-għan komuni segwit mill-parteċipanti kollha fil-kuntest tal-ksur uniku. Fil-fatt, il-premessa 931 tad-deċiżjoni kkontestata, li għaliha tirreferi l-Qorti Ġenerali insostenn tal-motivi tagħha, ma tippermettix li twassal għal tali konklużjoni. Barra minn hekk, kuntrarjament għall-kliem tal-punt 59 tas-sentenza appellata, l-appellanti ma rrikonoxxewx matul is-seduta quddiem il-Qorti Ġenerali, b'risposta għad-domandi magħmulin minnhom, li l-prattiki illeċiti kienu ddestinati li jippreżentaw front komun lill-grossisti.

17 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti jsostnu, sussidjarjament li, għalkemm kien ikkunsidrat li l-punt 59 tas-sentenza appellata ma huwiex intiż li jistabbilixxi li l-appellanti kellhom l-intenzjoni li jikkontribwixxu permezz tal-aġir speċifiku tagħhom għall-għan komuni segwit mill-parteċipazzjoni kollha għall-ksur uniku, il-Qorti Ġenerali ma eżaminatx din id-domanda u, konsegwentement, peress li ma applikatx il-kriterji legali rilevanti, wettqet żball tad-dritt.

18 Permezz tat-tielet parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti jilmentaw lill-Qorti Ġenerali li żnaturat il-provi dwar il-konjizzjoni li kellhom l-appellanti tal-aġir illeċitu previst jew implementat mill-impriżi oħrajn fit-tfittxija ta' dan l-għan. Huma jirrilevaw, f'dan ir-rigward, li, fil-punt 61 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali, bi żball, naqset l-appartenenza tal-appellanti għall-organi ta' koordinament u tal-assoċjazzjonijiet ta' ħafna prodotti l-konjizzjoni tagħhom tal-prattiki illeċiti kollha. Issa, l-appartenenza tal-appellanti għal tali organi u assoċjazzjonijiet fil-Belġju, fi Franza jew fl-Italja ma ppermettietilhomx li jkollhom konjizzjoni tal-prattiki ta' koordinament għoli tal-prezzijiet tal-oġġetti taċ-ċeramika fit-territorji ta' dawn l-Istati Membri.

19 Permezz tar-raba' parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti jilmentaw lill-Qorti Ġenerali li ma applikatx korrettament il-kriterji legali dwar l-istabbiliment tal-ksur uniku sa fejn dan ma eżaminax jekk setgħu raġonevolment jipprevedu l-prattiki antikompetittivi kollha dwar l-oġġetti taċ-ċeramika.

20 Permezz tal-ħames parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li wettqet żball ta' liġi billi ma eżaminatx il-kwistjoni jekk kellhom ikunu lesti jaċċettaw ir-riskju dwar aġir previst jew implementat minn impriżi oħrajn li jikkummerċjalizzaw l-oġġetti taċ-ċeramika fit-tfittxija tal-għan komuni segwit mill-parteċipanti kollha għall-akkordju. Issa, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li din il-kundizzjoni tapplika ukoll fil-każ fejn impriża kellha konjizzjoni tal-aġir illeċitu previst jew implementat mill-impriżi oħrajn fit-tfittxija ta' dan l-għan u jikkostitwixxi l-element intenzjonali meħtieġ biex jistabbilixxi l-parteċipazzjoni ta' din l-impriża fl-aġir antikompetittiv kollu inkwistjoni.

21 Skont il-Kummissjoni, l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli jew, fi kwalunkwe każ, bħala infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

22 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE jista' jirriżulta mhux biss minn att iżolat, iżda wkoll minn serje ta' atti jew ukoll minn aġir kontinwu, meta wieħed jew iktar mill-elementi ta' din is-serje ta' atti jew ta' dan l-aġir kontinwu jistgħu wkoll jikkostitwixxu fihom infushom u meħuda waħedhom, ksur tal-imsemmija dispożizzjoni. B'hekk, meta azzjonijiet differenti jagħmlu parti minn "pjan generali", minħabba l-għan identiku tagħhom li tinħoloq distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq komuni, il-Kummissjoni għandha d-dritt timputa r-responsabbiltà ta' dawn l-azzjonijiet skont il-parteċipazzjoni fil-ksur ikkunsidrat fl-intier tiegħu (is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens, C-441/11 P, EU:C:2012:778, punt 41, kif ukoll tal-24 ta' Ġunju 2015, Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Fresh Del Monte Produce, C-293/13 P u C-294/13 P, EU:C:2015:416, punt 156).

23 Impriża li tkun ipparteċipat f'tali ksur uniku u kumpless permezz ta' aġir li kien speċifiku għaliha, li jaqa' taħt il-kunċetti ta' ftehim jew ta' prattika miftiehma li jkollhom għan antikompetittiv fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE u li kien intiż li jikkontribwixxi sabiex jitwettaq il-ksur fl-intier tiegħu, tista' tkun responsabbli wkoll għall-aġir ta' impriżi oħra fil-kuntest tal-istess ksur għall-perijodu kollu tal-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmi ksur. Dan ikun il-każ meta jiġi stabbilit li l-imsemmija impriża kellha l-intenzjoni tikkontribwixxi permezz tal-aġir speċifiku tagħha għall-għanijiet komuni segwiti mill-parteċipanti kollha u li kellha konjizzjoni tal-aġir li jikkostitwixxi ksur previst jew implementat minn impriżi oħra sabiex jintlaħqu l-istess għanijiet, jew li setgħet raġonevolment tipprevedi tali aġir u li kienet lesta taċċetta r-riskju marbut ma' dan l-aġir ((is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Verhuizingen Coppens, C-441/11 P, EU:C:2012:778, punt 42, kif ukoll tal-24 ta' Ġunju 2015, Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Fresh Del Monte Produce, C-293/13 P u C-294/13 P, EU:C:2015:416, punt 157).

24 F'dan il-każ, permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali li żnaturat il-provi billi kkonstatat, fil-punt 59 tas-sentenza appellata, li l-prattiki illeċiti inkwistjoni kienu jikkonsistu fi front komun oppost mill-appellanti lill-grossisti għat-tliet sotto-gruppi ta' prodotti.

25 Għandu jiġi rrilevat, f'dan ir-rigward, li kif jirriżulta mill-qari ta' dan il-punt, il-Qorti Ġenerali, fi kwalunkwe każ, ibbażat biss fuq din il-konstatazzjoni b'mod żejjed biex tistabbilixxi l-eżistenza u n-natura ta' pjan flimkien li jippermetti li jikkaratterizza ksur uniku, peress li din l-evalwazzjoni tirriżulta fil-fatt, skont il-Qorti Ġenerali, minn numru ta' elementi oħra rrilevati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata.

26 Għaldaqstant, peress li l-argumentazzjoni mqajma mill-appellanti fil-kuntest tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju ma tistax tqiegħed f'dubju l-konklużjoni li għaliha waslet il-Qorti Ġenerali fil-punti 58 u 62 tas-sentenza appellata, li jipprovdu li l-Kummissjoni setgħet korrettament tikkonkludi l-eżistenza ta' ksur uniku, din il-parti għandha tiġi miċħuda bħala inoperattiva (ara, f'dan is-sens, id-digrieti tat-

28 ta' Ottubru 2004, Il-Kummissjoni vs CMA CGM *et*, C-236/03 P, mhux ippubblikat, EU:C:2004:679, punti 30 sa 32, kif ukoll tal-21 ta' Ottubru 2014, Mundipharma vs UASI, C-669/13 P, mhux ippubblikat, EU:C:2014:2308, punt 36).

27 Permezz tat-tieni, ir-raba' u l-ħames partijiet tal-ewwel aggravju, l-appellanti jikkritikaw lill-Qorti Ġenerali, essenzjalment, li ma eżaminatx jekk il-kundizzjonijiet imniżżlin fil-punt 22 ta' din is-sentenza kinux sodisfatti, u b'mod partikolari, fl-ewwel lok, jekk kellhomx l-intenzjoni jikkontribwixxu permezz tal-aġir speċifiku tagħhom għall-għanijiet komuni segwiti mill-parteċipanti kollha għall-ksur uniku, fit-tieni lok, jekk kienu jistgħu raġonevolment jipprevedu l-aġir antikompetittiv kollu dwar l-oġġetti taċ-ċeramika u, fit-tielet lok, jekk kinux lesti li jaċċettaw ir-riskju tiegħu.

28 Għandu jitfakkar, f'dan ir-rigward, li kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali ma tistax, fil-prinċipju, tkun obbligata tirrispondi għall-motivi u għall-argumenti li ma tqajmux, jew li ma kinux b'mod biżżejjed ċar u preċiż, matul il-proċedura u b'mod partikolari fir-rikors promotur (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Marzu 2001, Connolly vs Il-Kummissjoni, C-274/99 P, EU:C:2001:127, punt 121, u tal-20 ta' Marzu 2014, Rousse Industry vs Il-Kummissjoni, C-271/13 P, mhux ippubblikata, EU:C:2014:175, punti 17 sa 19).

29 Issa, f'dan il-każ, mill-eżaminazzjoni tar-rikors promotur u tar-replika ippreżentati fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari tal-punti ta' dan ir-rikors u ta' din ir-replika invokati mill-appellanti insostenn ta' dan l-appell li, minkejja li kkontestaw li kellhom konjizzjoni tal-prattiki kollużivi relatati mat-tliet sotto-gruppi ta' prodotti, l-appellanti ma qajmu, quddiem il-Qorti Ġenerali, ebda argument ibbażat fuq l-assenza ta' kontribuzzjoni mill-aġir tagħhom għall-għanijiet komuni segwiti mill-parteċipanti kollha, minħabba l-fatt li huma ma setgħux raġonevolment jipprevedu l-aġir ta' ksur kollu kkritikat u li ma kinux lesti li jaċċettaw ir-riskju marbut ma' dan l-aġir.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma tistax tiġi kkritikata l-Qorti Ġenerali li ma eżaminatx espressament dawn id-domandi fis-sentenza appellata. Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq il-fatt li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx jekk ir-rikorrenti setgħu raġonevolment jipprevedu l-aġir ta' ksur kollu kkritikat u jekk kinux lesti li jaċċettaw ir-riskju tiegħu, barra minn hekk għandu jiġi kkonstatat li, peress li l-Qorti Ġenerali, fil-punti 61 u 82 tas-sentenza appellata, ikkunsidrat li r-rikorrenti kellhom konjizzjoni ta' dan l-aġir, hija ma vverifikatx jekk huma setgħu raġonevolment jipprevedu l-imsemmi aġir u billi aċċettaw ir-riskju, iż-żewġ kundizzjonijiet kienu, kif jirriżulta mill-punt 23 ta' din is-sentenza, alternattivi.

31 Sa fejn l-argumentazzjoni mqajma mir-rikorrenti intiża li turi li l-kundizzjonijiet esposti fil-punt 23 ta' din is-sentenza ma humiex sodisfatti f'dan il-każ, din ma tistax tiġi eżaminata fl-istadju tal-appell.

32 Fil-fatt, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-appell, il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja hija, fil-prinċipju, limitata għall-evalwazzjoni tas-soluzzjoni legali li ngħatat lill-aggravji diskussi quddiem il-qrati tal-mertu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' April 2014, FLSmidth vs Il-Kummissjoni, C-238/12 P, EU:C:2014:284, punt 42, u tat-22 ta' Mejju 2014, ASPLA vs Il-Kummissjoni, C-35/12 P, EU:C:2014:348, punt 39).

33 Minn dan jirriżulta li t-tieni, ir-raba' u l-ħames partijiet tal-ewwel aggravju għandhom jiġu miċħuda bħala parzjalment inammissibbli u, parzjalment infondati.

34 Fil-kuntest tat-tielet parti tal-ewwel aggravju, ir-rikorrenti jeċċepixxu żnaturament tal-provi mill-Qorti Ġenerali sa fejn ikkunsidrat bi żball, fil-punti 61 u 82 tas-sentenza appellata, li huma kellhom konjizzjoni tal-prattiki illeċiti kollha fosthom dawk relatati mal-oġġetti taċ-ċeramika li żvolġew fil-Belġju, fi Franza u fl-Italja.

35 Għandu jitfakkar li, f'dan ir-rigward li, Artikolu 256 TFUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-appell huwa limitat għall-punti ta' liġi. Il-Qorti Ġenerali hija, għaldaqstant, biss kompetenti li tikkonstata u tevalwa l-fatti rilevanti kif ukoll li tevalwa l-elementi ta' prova. L-evalwazzjoni tal-fatti u tal-elementi ta' prova ma jikkostitwixxux għalhekk, bla ħsara għall-każ taż-żnaturament tagħhom, kwistjoni ta' liġi suġġetta, bħala tali, għall-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-24 ta' Settembru 2009, Alcon vs UASI, C-481/08 P, mhux ippubblikat, EU:C:2009:579, punt 18; is-sentenza tat-13 ta' Jannar 2011, Media-Saturn-Holding vs UASI, C-92/10 P, mhux ippubblikata, EU:C:2011:15, punt 27, kif ukoll id-digriet tat-3 ta' Marzu 2016, AgriCapital vs UASI, C-440/15 P, mhux ippubblikat, EU:C:2016:144, punt 32).

36 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, jeżisti żnaturament meta, mingħajr ma jsir riferiment għal provi ġodda, l-evalwazzjoni tal-provi eżistenti tidher manifestament żbaljata. Madankollu, dan iż-żnaturament għandu jidher b'mod manifest mid-dokumenti tal-proċess, mingħajr ma jkun neċessarju li ssir evalwazzjoni ġdida tal-fatti u tal-provi. Barra minn hekk, fejn appellant jallega żnaturament tal-provi mill-Qorti Ġenerali, huwa jrid jindika preċiżament il-provi li ġew żnaturati minnha u juri l-iżbalji fl-analiżi li, fl-evalwazzjoni tiegħu, wasslu lill-Qorti Ġenerali għal dan l-iżnaturament (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Diċembru 2015, l-Italja vs Il-Kummissjoni, C-280/14 P, EU:C:2015:792, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

37 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tal-konstatazzjonijiet li jidhru fil-punti 61 u 82 tas-sentenza appellata dwar il-konjizzjoni li kellhom ir-rikorrenti tal-prattiki illeċiti inkwistjoni, dawn, fl-appell tagħhom, ma identifikawx l-element ta' prova li l-evalwazzjoni tagħha mill-Qorti Ġenerali tidher manifestament żbaljata, fis-sens ta' din il-ġurisprudenza.

38 B'hekk, taħt il-kopertura tal-argumentazzjoni tagħhom dwar allegata żnaturament tal-provi, ir-rikorrenti jfittxu, fir-realtà, li jqiegħdu fid-dubju l-evalwazzjoni ta' natura mwettqa mill-Qorti Ġenerali, li tipprovdi li l-Kummissjoni setgħet, b'mod partikolari fir-rigward tal-prattiki ta' koordinament għoli tal-prezzijiet fi ħdan l-organi ta' koordinament li għalihom appartjenew l-appellanti, tikkunsidra validament li dawn kellhom konjizzjoni tal-prattiki illeċiti kkonċernati, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oġġetti taċ-ċeramika. Issa, tali evalwazzjoni toħroġ mill-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-appell.

39 Konsegwentement, hemm lok li tiġi miċħuda t-tielet parti tal-ewwel aggravju bħala inammissibbli.

40 Fid-dawl ta' dak li ntqal, għandu jiġi miċħud l-ewwel aggravju tal-appell fl-intier tagħha.

Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

L-argumenti tal-partijiet

41 Permezz tat-tieni aggravju, l-appellanti jikkritikaw il-punt 59 tas-sentenza appellata, sa fejn, peress li naqset il-Qorti Ġenerali li eżaminat ċerti argumenti rilevanti li jikkonċernaw il-parteċipazzjoni allegata tal-appellanti għal ksur uniku, is-sentenza appellata hija vvizzjata b'nuqqas ta' motivazzjoni.

42 Il-Qorti Ġenerali naqset milli teżamina, l-ewwel nett, jekk l-appellanti kellhom bħala għan li jipparteċipaw, permezz tal-aġir tagħhom proprja, għall-għan komuni mfittex, it-tieni nett, jekk huma setgħu raġonevolment jipprevedu l-aġir illeċitu kollu previst jew implementat fil-kuntest tal-kummerċjalizzazzjoni tal-oġġetti taċ-ċeramika minn impriżi oħrajn fit-tfittxija tal-għanijiet komuni segwiti mill-parteċipanti kollha u, it-tielet nett, jekk l-appellanti kienu lesti li jaċċettaw ir-riskju dwar tali aġir.

43 B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali naqset mill-obbligu tagħha ta' motivazzjoni.

44 Skont il-Kummissjoni, it-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli jew, fi kwalunkwe każ, bħala infondat.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

45 Għandu jiġi kkonstatat li, sa fejn it-tieni aggravju tal-appell jixbah, essenzjalment, it-tieni, ir-raba' u l-ħames partijiet tal-ewwel aggravju, għandu jiġi miċħud għall-istess motivi bħal dawk żviluppati fil-punti 28 sa 33 ta' din is-sentenza.

46 Billi ebda wieħed mill-aggravji invokati mill-appellanti ma ntlaqa', l-appell għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

Fuq l-ispejjeż

47 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ma jkunx fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

48 Skont l-Artikolu 138(1) tal-istess regolament, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 184(1) ta' dan tal-aħħar, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-appellanti tilfu u l-Kummissjoni talbet li dawn jiġu kkundannati għall-ispejjeż, hemm lok li huma jiġu kkundannati għall-ispejjeż relatati ma' dan l-appell.

Għal dawn il-motivi, l-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-appell huwa miċħud.**

2) **Masco Corp., Hansgrohe AG, Hansgrohe Deutschland Vertriebs GmbH, Hansgrohe Handelsgesellschaft mbH, Hansgrohe SA/NV, Hansgrohe BV, Hansgrohe SARL, Hansgrohe Srl, Hüppe GmbH, Hüppe Ges.mbH, Hüppe Belgium SA/NV u Hüppe BV huma kkundannati għall-ispejjeż.**

Firem